



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAT-TASSAZZJONI U L-UNJONI DOGANALI
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAS-SUQ INTERN, L-INDUSTRIJA, L-INTRAPRENDITORIJA U
L-SMEs

Brussell, is-17 ta' Diċembru 2020

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE DWAR IL-PREKURSURI TAD-DROGA

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"¹. Il-Ftehim dwar il-Hruġ² jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Sa dik id-data, id-dritt tal-UE kollu kemm hu japplika għar-Renju Unit u fih³.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinnegozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprevedi b'mod partikolari żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, m'hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim joħloq relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq se tkun differenti ħafna mill-partiċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern⁴, fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra fis-sitwazzjoni legali applikabbli wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti A ta' hawn taħt). Dan l-avviż jispjega wkoll ċerti dispożizzjonijiet rilevanti dwar is-separazzjoni fil-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-Parti B ta' hawn taħt) kif ukoll ir-regoli applikabbli għall-Irlanda ta' Fuq wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti C ta' hawn taħt).

Avviż lill-partijiet ikkonċernati:

Sabiex jindirizzaw il-konsegwenzi ppreżentati f'dan l-avviż, il-partijiet ikkonċernati involuti fil-kummerċ tal-prekursuri tad-droga huma mwissija biex iqisu l-impatt ta' tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni fuq il-kummerċ mar-Renju Unit.

¹ Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

² Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 ("Ftehim dwar il-Ħruġ").

³ Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

⁴ B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprevedix kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-oġġetti u s-servizzi) bħar-rikonossiment reċiproku, il-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini", u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

Innota:

Dan l-avviż ma jindirizzax

- id-dritt tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi ġenerali; u
- il-proċeduri doganali tal-UE.

Għal dawn l-aspetti, ġew ippubblikati avviżi oħrajn⁵.

Barra minn hekk, qiegħda tingħbed l-attenzjoni lejn l-avviż aktar ġeneriku dwar il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet, fosthom il-liċenzji tal-importazzjoni/esportazzjoni⁶.

A. IS-SITWAZZJONI LEGALI WARA TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, id-dritt tal-UE dwar il-prekursuri tad-droga⁷ mhux se jibqa' japplika għar-Renju Unit⁸. Il-movimenti ta' oġġetti mill-UE lejn ir-Renju Unit jitqiesu bħala esportazzjonijiet mill-UE, u l-movimenti ta' oġġetti mir-Renju Unit lejn l-UE jitqiesu bħala importazzjonijiet fl-UE. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

Dawn il-movimenti m'għadhomx movimenti fl-UE, għaldaqstant ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 m'għadux japplika għal dawn il-movimenti. Minflok, japplika r-Regolament (KE) Nru 111/2005.

- Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 111/2005, l-esportazzjonijiet kollha ta' sustanzi skedati elenkati fil-Kategoriji 1 u 4 tal-Anness u ċerti esportazzjonijiet ta' sustanzi skedati elenkati fil-Kategoriji 2 u 3 tal-Anness iridu jkunu preċeduti minn notifika ta' qabel l-esportazzjoni mibgħuta mill-awtoritajiet kompetenti fl-Unjoni lill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit. Ir-Renju Unit għandu jingħata perjodu ta' 15-il jum tax-xogħol biex iwieġeb, li fit-tmiem tiegħu, l-operazzjoni ta' esportazzjoni tista' tiġi awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' esportazzjoni, jekk huma ma jkunu rċevew l-ebda avviż mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit li jindika li din l-operazzjoni ta' esportazzjoni tista' tkun maħsuba għall-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi.
- Barra minn hekk, skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 111/2005, l-esportazzjonijiet ta' sustanzi skedati elenkati fil-Kategoriji 1, 2 u 4 tal-Anness li jeħtieġu dikjarazzjoni doganali, inklużi esportazzjonijiet ta' sustanzi skedati li jitolqu mit-territorju doganali tal-Unjoni wara li jkunu nħażnu f'żona ħielsa taħt

⁵ https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period_mt

⁶ https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/brexit_files/info_site/import_and_export_licences_en.pdf

⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 111/2005 li jstabbilixxi regoli għall-monitoraġġ ta' kummerċ fil-prekursuri ta' drogi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi, ĠU L 22, 26.1.2005, p. 1, u r-Regolament (KE) Nru 273/2004 dwar prekursori tad-droga, ĠU L 47, 18.2.2004, p. 1.

⁸ Rigward l-applikabbiltà tar-Regolament (KE) Nru 111/2005 u r-Regolament (KE) Nru 273/2004 għall-Irlanda ta' Fuq, ara l-Parti C ta' dan l-avviż.

kontroll ta' tip I jew maħżen liberu għal perjodu ta' mill-anqas 10 ijiem, huma soġġetti għal awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni. Awtorizzazzjonijiet ta' esportazzjoni għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn l-esportatur huwa stabbilit.

- Skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 111/2005, l-importazzjonijiet ta' sustanzi skedati elenkati fil-Kategorija 1 tal-Anness wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni mir-Renju Unit għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni ta' importazzjoni. Awtorizzazzjoni ta' importazzjoni tista' tingħata biss lil operatur stabbilit fl-Unjoni. L-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni għandha toħroġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn l-importatur huwa stabbilit.

B. ID-DISPOŻIZZJONIJIET TAS-SEPARAZZJONI RILEVANTI TAL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ

L-Artikolu 47(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedi li, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fih, il-movimenti ta' oġġetti fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jridu jitqiesu bħala movimenti fl-Unjoni rigward ir-rekwiżiti ta' liċenzjar ta' importazzjonijiet u ta' esportazzjonijiet fid-dritt tal-UE.

Eżempju: Konsenja speċifika ta' prekursori tad-droga, li l-moviment tagħha għadu għaddej bejn l-UE u r-Renju Unit fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, xorta tista' tidħol fl-UE jew fir-Renju Unit abbażi tad-dispożizzjonijiet fir-Regolament (KE) Nru 273/2004.

C. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ WARA TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq ("il-Protokoll IE/NI")⁹. Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq huwa soġġett għal kunsens minn żmien għal żmien tal-Assemblea Leġiżlattiva tal-Irlanda ta' Fuq, fejn il-perjodu inizjali ta' applikazzjoni jestendi sa erba' snin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni¹⁰.

Permezz tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE huma applikabbli wkoll għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Fil-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, l-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li sa fejn ir-regoli tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, l-Irlanda ta' Fuq tiġi trattata daqslikieku kienet Stat Membru¹¹.

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jipprevedi li r-Regolament (KE) Nru 111/2005 u r-Regolament (KE) 273/2004 japplika għar-Renju Unit u fih, fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq.¹²

⁹ L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

¹⁰ L-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

¹¹ L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

¹² L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq u t-Taqsima 23 tal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll. Ir-Regolament (KE) Nru 111/2005 żdied f'dak l-Anness mad-Deċizzjoni Nru 3/2020 tal-Kumitat Konġunt tas-17 ta' Diċembru 2020.

Dan ifisser li r-referenzi għall-UE fil-Partijiet A u B ta' dan l-avviż għandhom jinftiehm bħala li jinkludu l-Irlanda ta' Fuq, filwaqt li r-referenzi għar-Renju Unit għandhom jinftiehm li jirreferu biss għall-Gran Brittanja.

B'mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost oħrajn, dan li ġej:

- L-operaturi u l-utenti stabbiliti fl-Irlanda ta' Fuq huma marbutin bl-obbligi stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 273/2004 u r-Regolament (KE) Nru 111/2005.
- Ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 japplika għall-konsenji ta' prekursori tad-droga bejn l-Irlanda ta' Fuq u l-UE u, għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 111/2005 ma japplikax f'dan il-każ.
- Ir-Regolament (KE) Nru 111/2005 japplika għal esportazzjonijiet ta' prekursori tad-droga mill-Irlanda ta' Fuq lejn pajjiż terz. B'hekk, il-konsenji tal-prekursori tad-droga għandhom ikunu ppreċeduti minn notifika ta' qabel l-esportazzjoni mibgħuta mill-awtoritajiet kompetenti fl-Irlanda ta' Fuq lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz u għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni. L-awtorizzazzjonijiet ta' esportazzjoni għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti inkarigati mill-Irlanda ta' Fuq.
- Ir-Regolament (KE) Nru 111/2005 japplika għal esportazzjonijiet ta' prekursori tad-droga mill-Irlanda ta' Fuq lejn il-Gran Brittanja¹³.
- Ir-Regolament (KE) Nru 111/2005 japplika għal importazzjonijiet ta' prekursori tad-droga mill-Gran Brittanja jew minn pajjiż terz lejn l-Irlanda ta' Fuq. Għaldaqstant, il-konsenji tal-prekursori tad-droga għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni ta' importazzjoni li għandha tinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti inkarigati mill-Irlanda ta' Fuq.

Madankollu, il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jeskludi l-possibbiltà li r-Renju Unit, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, jipparteċipa fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fit-tfassil tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni¹⁴.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar ir-regoli tal-UE għall-prekursori tad-droga (https://ec.europa.eu/growth/sectors/chemicals/legislation_mt u https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/customs-controls/drug-precursors-control_en) jipprovdi informazzjoni ġenerali. Dawn il-paġni se jkunu aġġornati b'aktar informazzjoni fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs

¹³ L-obbligu fir-rigward tal-esportazzjonijiet fir-Regolament (KE) Nru 111/2005 huwa meħtieġ mill-obbligi internazzjonali tal-Unjoni (il-Konvenzjoni tan-NU tal-1988 kontra t-Traffikar Illeċitu ta' Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi), ara l-Artikolu 6(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

¹⁴ Fejn ikun hemm bżonn ta' skambju ta' informazzjoni jew konsultazzjoni reċiproka, dawn għandhom iseħħu fil-grupp ta' ħidma konsultattiv konġunt stabbilit mill-Artikolu 15 tal-Protokoll tal-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

